*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,278, 11 ta' Ottubru, 2019*
*Taqsima C*

# Nru. 98

11. 10. 2019

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Ian Borg, M.P., Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-17 ta' Lulju 2019.

**ATT li jemenda l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, Kap. 588.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Ian Borg, M.P., Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects, and read the First time at the Sitting of the 17th July 2019.

**AN ACT to amend the Agency for Infrastructure Malta Act, Cap. 588.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

## ABBOZZ TA’ LIĠI
### imsejjaħ

*ATT li jemenda l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, Kap. 588.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 588.

**2.** L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "fornitur ta’ servizz utilitarju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "infrastruttura marittima" tinkludi kwalunkwe portijiet, *piers, slipways,* bankini, postijiet ta’ żbark, xtut, mollijiet, baċiri, rmiġġi ta’ bastimenti, ilqugħ għall-baħar u protezzjoni tal-kosta u xogħlijiet simili li jkunu fihom jew imissu magħhom jew ma’ postijiet oħra bħalhom; u

(b) minnufih wara t-tifsira "persuna konnessa" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" " port" tfisser port skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta. Kap 499.

**3.** L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minnufih wara l-kliem "kostruzzjoni tat-toroq" għandhom jiżdiedu l-kliem "u

infrastruttura marittima," u minnufih wara l-kliem "tat-toroq" għandhom jiżdiedu l-kliem "u marittima";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minnufih wara l-kliem "relatati mal-kostruzzjoni u l-infrastruttura tat-toroq" għandhom jiżdiedu l-kliem "u dik marittima;"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "tirrenova kull triq" għandhom jiżdiedu l-kliem "u infrastruttura marittima" u minnufih wara l-kliem "kwalunkwe triq" għandhom jiżdiedu l-kliem "u infrastruttura marittima"; u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda l-proprjetà u l-impriżi li huma tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jew li huma tal-Gvern u huma użati mill-imsemmija Awtorità u li fuqhom l-Aġenzija tkun qed tagħmel ix-xogħlijiet imsemmija, jibqgħu assi tal-Awtorità.".

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Agency for Infrastructure Malta Act, Cap. 588.*

**1.** The short title of this Act is the Agency for Infrastructure Malta (Amendment) Act, 2019 and shall be read and construed as one with the Agency for Infrastructure Malta Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 588.

**2.** Article 3 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 3 of the principal Act.

(a) immediately after the definition "local road" there shall be added the following new definition:

" "maritime infrastructure" includes any ports, piers, slipways, quays, jetties, landing places, port facilities, coastlines, piers, docks, mooring platforms, breakwaters and sea defences, and similar structures in or adjoining the same or similar places; and

(b) immediately after the definition "Minister" there shall be added the following new definition:

" "port" means port according to the dispositions in the Authority for Transport in Malta Act. Cap. 499.

**3.** Sub-article (1) of article 5 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 5 of the principal Act.

(a) in paragraph (a) thereof immediately after the words "plans for road" there shall be added the words "and maritime infrastructure" and immediately after the words "and road" there shall be added the words "and maritime";

(b) in paragraph (b) thereof, immediately after the words

"road construction and road" there shall be added the words "and maritime"; and

(c) in paragraph (c) thereof, immediately after the words "administer restore any road" there shall be added the words "and maritime infrastructure" and immediately after the words "any existing roads" there shall be added the words "and maritime infrastructure"; and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that the property and undertakings owned by the Authority for Transport in Malta, or owned by the Government and used by the said Authority, on which the Agency shall undertake the mentioned works, shall remain the Authority's assets:".

Prezz/*Price*
€0.36

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**